# TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Ġunju 2008 — De Fays vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-97/07)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Leave minħabba mard — Assenza irregolari — Proċedura ta' arbitraġġ)***

(2008/C 197/71)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Chantal De Fays (Bereldange, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: P.-P. Van Gehuchten u P. Reyniers, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitjaiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u K. Herrmann, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japplikaw fir-rigward tar-rikorrenti l-Artikolu 60 tar-Regolament tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u, min-naħa l-oħra, talba għal danni.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

([1]) ĠU C 283, 24.11.2007, p. 45.

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2008 — Palazzo vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-57/08)**

(2008/C 197/72)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Armida Palazzo (Brussell, il-Belgju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, avocats)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Minn naħa, id-dikjarazzjoni ta' l-illegalità ta' l-Artikolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej u, min-naħa l-oħra, l-annnuallment tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra dwar il-kalkolu tas-snin pensjonabbli akkwistati mir-rikorrenti bħala aġent lokali.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara li l-Artikolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej huwa illegali;

— tannulla d-deċiżjoni ta' l-24 ta' Ottubru 2007 ta' l-Awtorità tal-Ħatra dwar il-kalkolu tas-snin pensjonabbli akkwistati mir-rikorrenti bħala aġent lokali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-18 ta' Ġunju 2008 — Kröppelin vs Il-Kunsill**

**(Kawża F-2/05)**

(2008/C 197/73)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

Il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) ordna t-tħassir tal-kawża.